MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2014

Rikors Numru. 88/2012

**XXX**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn XXX fl-4 ta' Ottubru 2010 quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, in segwitu trasferit ghal quddiem dan it-Tribunal, permezz ta' liema jitlob li l-istimi mahruga fil-konfront tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-perijodu ta' taxxa mill-1 ta' Lulju 2005 sat-30 ta' Gunju 2009, flimkien mal-multi u imghaxijiet relattivi, jigu kkancellati;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors ta' XXX;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud permezz ta' liema jopponi ghat-talba tar-Rikorrent

u jitlob li l-istess tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu stante li: (i) ai termini tal-partita 4(1)(d) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-appell huwa tardiv b’erba’ xhur peress illi r-Rikorrent gie notifikat bl-istimi kontestati fil-5 ta’ Mejju 2010 filwaqt li huwa intavola l-appell fl-4 ta’ Ottubru 2010; (ii) ir-Rikorrent naqas milli jipprovdi d-dokumenti mitluba mill-Kummissarju u ghalhekk a tenur ta’ l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-istess Rikorrent ma ghandux jithalla jipproduci d-dokumentazzjoni f’dan l-istadju; u (iii) l-istimi, multi kif ukoll l-imghax ghaz-zminijiet ta’ taxxa mertu ta’ dawn il-proceduri huma gusti u jisthoqqilhom konferma;

Ra d-dokument anness mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud markat bhala Dok. “A”;

Ra li sa’ dan l-istadju s-smigh tal-provi kien limitatament ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, illum Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud);

Sema’ x-xhieda ta’ Roderick Sultana, in rapprezentanza tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), moghtija waqt is-seduta tat-12 ta’ Settembru 2012[1] u ra d-dokumenti esebiti minnu u markati Dok. “A” sa’ Dok. “G” u Dok. “RS1” a fol. 17 sa’ 52 tal-process;

Ra li fit-8 ta’ April 2013 l-istadju tal-provi tar-Rikorrent dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, illum Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), gie dikjarat maghluq u dana fid-dawl u skond il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Dicembru 2012;

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, illum Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud);

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

---

[1] Fol. 88 u 89 tal-process.

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent qed jikkontesta numru ta' stimi mahruga kontra tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-perijodu ta' taxxa mill-1 ta' Lulju 2005 sat-30 ta' Gunju 2009, u jitlob li l-istess stimi, flimkien mal-multi w imghaxijiet relattivi, jigu kkancellati. Huwa jibbaza l-appell tieghu fuq is-segwenti aggravju: *I was not in a position to submit documents for verification by VAT Department because I was admitted to Corradino Correctional Facility from 16/02/2010 to 16/08/2010. VAT returns as submitted are correct and I am in a position to provide documentary evidence to show this*.

Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, illum Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), jopponi ghat-talba tar-Rikorrent u jitlob li l-istess tigi michuda in bazi ghas-segwenti eccezzjonijiet: (i) a tenur tal-partita 4(1)(d) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta l-appell tar-Rikorrent huwa tardiv b'erba' xhur peress illi l-istimi kontestati gew notifikati fil-5 ta' Mejju 2010 filwaqt li l-appell gie intavolat fl-4 ta' Ottubru 2010; (ii) ir-Rikorrent naqas milli jipprovdi d-dokumenti mitluba mill-Kummissarju u ghalhekk a tenur ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta ma ghandux jithalla jipproduci dokumenti f'dan l-istadju; u (iii) l-istimi, multi kif ukoll l-imghax imposti ghaz-zminijiet ta' taxxa mertu ta' dawn il-proceduri huma gusti u jisthoqqilhom konferma.

It-Tribunal huwa tal-fehma li qabel ma jidhol fil-mertu ta' l-appell tar-Rikorrent mill-istimi mahruga kontra tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, ghandu l-ewwel qabel kollox jittratta u jiddeciedi l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mill-Kummissarju, illum Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), ossia l-eccezzjoni dwar it-tardività ta' l-appell u l-kwistjoni dwar jekk fid-dawl ta' dak provdut fl-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Alta ir-Rikorrent ghandux jigi awtorizzat iressaq dokumentazzjoni b'sostenn tad-denunzji u konsegwenti dikjarazzjonijiet tal-VAT tieghu f'dan l-istadju.

Ghalkemm a tenur ta' l-Artikolu 3(2)(b) ta' l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva, Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, applikabbli ghal dan it-Tribunal bis-sahha ta' l-Artikolu 6 ta' l-imsemmi Att, it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ghandu jaghti d-decizjoniiet tieghu *kemm jista' jkun malajr u ghal dan il-ghan it-Tribunal ghandu jaghti decizjoni wahda dwar il-kwistjonijiet kollha involuti fil-kawza kemm jekk ikunu ta' natura preliminari, procedurali jew sostantiva,* it-Tribunal huwa tal-fehma li fid-dawl ta' l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, illum Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), illi serjament jimpingu fuq il-prosegwiment ta' dawn il-proceduri fil-mertu, ma huwiex opportun li dan il-provvediment tal-Ligi jigi applikat fil-kuntest ta' dawn il-proceduri.

It-Tribunal ser jittratta l-ewwel l-eccezzjoni tat-tardività ta' l-appell intavolat mir-Rikorrent stante li l-ezitu ta' din il-kwistjoni partikolari jeffettwa kemm it-Tribunal jista', u in verità kemm ikollu ghalfejn jidhol fil-kwistjoni sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, illum Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), bis-sahha tat-tieni eccezzjoni tieghu.

Ai termini tal-partita 4(1)(d) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta kif applikabbli kemm fiz-zmien meta inhargu u gew notifikati l-istimi kontestati kif ukoll fiz-zmien meta gew intavolati dawn il-proceduri, *appell kontra stima ma jkunx validu kemm-il darba: (d) l-appell ma jsirx fi zmien tletin jum mid-data tan-notifika ta' l-avviz li kontrih isir l-appell*. Mill-provi prodotti mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud)[2] jirrizulta li l-istimi mertu ta' dawn il-proceduri inhargu fl-20 ta' April 2010 u gew notifikati bil-posta registrata fl-indirizz 5, Mystical Rose, Triq Ganni Bencini, Sliema, fil-**5 ta' Mejju 2010**. B'hekk fid-dawl ta' dak provdut fil-partita 4(1)(d) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Rikorrent kellu jintavola appell minn dawk l-istimi sa' mhux iktar tard mill-**4 ta' Gunju 2010**, izda bhala fatt l-appell odjern gie intavolat fl-**4 ta' Ottubru 2010**, jigifieri ben erba' xhur wara l-

---

[2] Dok. "G" a fol. 39 sa' 51 tal-process.

iskadenza tat-terminu stautorju entro liema kellu jigi intavolat l-imsemmi appell.

It-terminu ta' tletin gurnata prefiss fil-partita 4(1)(d) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta huwa terminu perentorju u mhux prorogabbli u ghalhekk l-istess ma jistax jigi derogat u wisq inqas ghal kollox injorat. L-unika eccezzjoni hija fil-kaz fejn in-notifika ta' l-istimi lit-*taxpayer* ma tkunx saret b'mod validu u/jew in konformità mal-Ligi b'dana ghalhekk li jista' jitqies li tali terminu ma jkunx beda jiddekorri jew alternattivament beda jiddekorri f'data li ma hijiex dik li fiha jidher li jkunu hekk gew notifikati l-istimi kontestati.

Ghalkemm in verità din id-difiza partikolari – li del resto kif hija l-unika difiza li r-Rikorrent seta' jissolleva in sostenn ta' l-appell tieghu jew ahjar taz-zmien li fih istitwixxa l-appell mill-istimi mahruga fil-konfront tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, illum Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), - ma gietx sollevata mir-Rikorrent peress illi ma ressaq ebda forma ta' prova biex jirribatti l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), it-Tribunal ihoss li xorta wahda ghandu jara, u dana peress illi l-kwistjoni hawn trattata hija fuq kollox kwistjoni ta' *ordni pubbliku*, jekk in-notifika ta' l-istimi illum kontestati mir-Rikorrent kenitx wahda valida ai termini tal-Ligi u konsegwentement ghalhekk it-terminu ghall-appell setax effettivament jibda jiddekorri mill-5 ta' Mejju 2010.

Ai termini ta' l-Artikolu 73(2) u (3) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta kif applikabbli fiz-zmien meta nhargu u gew notifikati l-istimi mertu ta' dawn il-proceduri: *(2) Kull avviz li huwa mehtieg li jinghata mill-Kummissarju jew minn xi persuna ohra taht dan l-Att jista' jigi notifikat lil persuna sew personalment sew billi jinbaghat bil-posta. Kemm-il darba ma tingiebx prova kuntrarja, notifika ta' avviz mibghut bil-posta tkun ippruvata permezz ta' evidenza li dak l-avviz kien gie indirizzat u impostat sew u ghandu jitqies li jkun gie notifikat, fil-kaz ta' indirizz f'Malta mhux iktar tard mit-tielet jum li jigi wara l-jum meta dan ikun gie impustat, u fil-kaz ta' indirizz barra minn Malta fil-jum li jigi*

*wara dak il-jum meta l-avviz kien jigi ricevut fil-kors ordinarju tal-posta: izda cheque jew cedola impostati mill-Kummissarju ghandu jitqies li jkun hlas ta' dak l-ammont maghmul fid-data meta jkun gie impostat*; u *(3) Ghall-ghanijiet tas-subartikolu (2) avviz jitqies li jkun gie indirizzat sew jekk dan ikun gie indirizzat fin-negozju jew fl-indirizz privat ta' persuna, u indirizz moghti minn persuna lill-Kummissarju ghandu jitqies bhala l-indirizz ta' dik il-persuna kemm-il darba u sakemm ma jinghatax avviz ta' bdil ta' indirizz minn dik il-persuna lill-Kummissarju*.

Kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **W&M Zammit Tabona Limited v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Appell Nru. 14/08** deciza fis-27 ta' Novembru 2009, *huwa dezumibbli minn qari attent ta' din id-disposizzjoni illi l-mira generali intiza li tintlahaq hi dik li l-avviz jigi notifikat lill-persuna, fizika jew legali, li lilha ghandu jkun notifikat. Isegwi minn dan illi l-ligi qed tippresupponi illi l-procediment tan-notifika jirrealizza ruhu bil-konsenja ta' l-att ta' l-avviz. Biex jintlahaq dan l-iskop l-artikolu in ezami jikkontempla zewg modi ta' notifika: dik personali u dik bil-mezz postali. Huwa indikattiv, fuq l-interpretazzjoni tal-Qorti, illi l-ligi ma qeghda timponi ebda obbligu li l-mittenti ghandu jikkonsegwi bilfors xi gerarkija preferenzjali, u dan hu allura liberu li jadotta dak il-mezz li jidhirlu xieraq minn fost iz-zewg modi specifikati. Naturalment, fil-kaz li jintghazel il-mezz postali, id-disposizzjoni tesigi li l-avviz ikun indirizzat u impostat sew ghax inkella, il-konsegwenza tkun li ma tiskattax il-presunzjoni tan-notifika. Maghmula din il-prova, cirkostanzjali jew indizzjarja, 'hemm il-presumptio hominis vel facti, importanti ghall-Qorti, li proof of postage is proof of delivery".*

Mill-istimi mertu ta' dawn il-proceduri u mill-*pink card* relattiva ghall-konsenja taghhom[3] jirrizulta li l-istess gew indirizzati fil-fond 5, Mystical Rose, Triq Ganni Bencini, Sliema. Mid-diversi dokumenti li gew esebiti mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) tramite r-

[3] Dok. "G" a fol. 39 sa' 51 tal-process.

rapprezentant tieghu Roderick Sultana waqt is-seduta tat-12 ta' Dicembru 2012[4], fosthom dokument tar-Rikorrent stess, ossia l-applikazzjoni relattiva ghal *scheme option* datata 20 ta' April 2010[5], u mir-Rikors promotur innifsu jirrizulta b'mod car li l-indirizz imsemmi huwa l-indirizz tar-Rikorrent. B'hekk ir-rekwizit li l-istimi in kwistjoni jigu impostati w indirizzati sew jirrizulta sodisfatt.

Meta imbaghad wiehed jghaddi biex iqabbel il-firma fuq il-*pink card* bin-numru ta' referenza RR508528993MT – Dok. "G" a fol. 39 tal-process – li hija il-*pink card* relattiva ghall-konsenja ta' l-istimi mertu ta' dan l-appell, mal-firma tar-Rikorrent kif tidher fuq ir-Rikors promotur jirrizulta immedjatament evidenti li dawn il-firem ma humiex l-istess. Madanakollu però meta din il-firma, ossia l-firma fuq il-*pink card* relattiva ghall-konsenja ta' l-istimi kontestati, tigi mqabbla ma' firem ohra li jirrizultaw minn diversi *pink cards* ohra esebiti mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) a loro volta relattivi ghal dokumenti li minn zmien ghal zmien inbaghtu mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud lir-Rikorrent u notifikati fl-indirizz 5, Mystical Rose, Triq Ganni Bencini, Sliema, jirrizulta li hija l-istess firma li tidher fuq il-*pink card* relattiva ghall-konsenja ta' avviz mahrug mid-Dipartiment fil-konfront tar-Rikorrent datat 14 ta' Dicembru 2009[6]. Skond ma jirrizulta minn dik il-*pink card*[7] il-firma hija l-firma ta' bint ir-Rikorrent li ghandha l-Karta ta' l-Identità bin-Numru 48290(M), fatt dan li ma gie bl-ebda mod kontestat jew kontradett mir-Rikorrent.

Il-fatt li l-istimi in kwistjoni ma gewx konsenjati direttament lir-Rikorrent izda gew konsenjati lil bintu ma jgibx ghal daqshekk illi dik in-notifika ma saritx sewwa u skond il-Ligi. Il-punt determinanti huwa li dawk l-istimi gew notifikati fl-indirizz tat-*taxpayer* lil persuna ben identifikabbli u li ai termini tal-principju procedurali generali enuncjat fl-Artikolu 187(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, illi fil-fehma tat-Tribunal japplika anke fil-kaz ta'

[4] Dokumenti a fol. 17 sa' 51 tal-process, li jinkludu wkoll l-istimi mertu ta' dan l-appell u l-*pink card* relattiva ghall-konsenja taghhom.
[5] Dok. "F" a fol. 38 tal-process.
[6] Fol. 22 tal-process.
[7] Dok. "C" a fol. 21 u 22 tal-process.

notifiki ta’ avvizi mahruga mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, hija legittimata li tircievi l-posta ghalih[8].

L-imsemmi provvediment tal-Ligi jipprovdi li *n-notifika ssir bil-kunsinna ta’ kopja ta’ l-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata, jew billi dik il-kopja tithalla f’idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f’idejn wiehed fis-servizz ta’ dik il-persuna jew f’idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha, fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha: Izda, il-kopja ma tistax tithalla f’idejn persuni ta’ età anqas minn erbatax-il sena, jew f’idejn persuna li, fil-hin tan-notifika ghandha dizordni mentali jew kundizzjoni ohra, li taghmilha inkapaci li taghti xhieda ta’ dik in-notifika. Persuna titqies li hija kapaci li taghti dik ix-xhieda sakemm ma jigix ippruvat il-kutnrarju; u n-notifika ma tistax tigi attakkata bhala irregolari, ghal wahda minn dawk ir-ragunijiet, jekk jinsab illi fil-fatt il-kopja tkun waslet f’idejn il-persuna li lilha kellha tkun innotifikata....*

B’hekk ladarba fil-kaz in ezami l-istimi mertu ta’ dan l-appell gew konsenjati lil bint ir-Rikorrent, li dak iz-zmien kellha madwar ghoxrin sena, fl-indirizz tar-Rikorrent, jirrizulta li l-istess stimi gew notifikati b’mod validu w ai termini tal-Ligi.

Jigi osservat li minn dokument anness mar-Rikors promotur datat 16 ta’ Awwissu 2010 jidher li r-Rikorrent kien detenut fil-Facilità Korrettiva ta’ Kordin bejn is-16 ta’ Frar 2010 u s-16 ta’ Awwissu 2010, izda b’daqshekk ma jfissirx li n-notifika ta’ l-istimi kontestati f’idejn bint ir-Rikorrent fil-5 ta' Mejju 2010 ma ghandhiex titqies bhala valida w effettwata ai termini tal-Ligi. Kif osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Galea v. Olga Agius et, Citaz. Nru. 1547/98** deciza fil-15 ta' Dicembru 2003, huwa legittimament pretiz u prezunt li membri ta' l-istess familja li jghixu fl-istess dar jghaddu dokumenti ta' certa importanza lil xulxin, kemm-il darba,

---

[8] Vide sentenza pronuncjata mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet Clover Holdings Limited v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Appell Nru. 17/07 deciza fit-28 ta’ Marzu 2008.

izid josserva dan it-Tribunal, ma jigi ppruvat xort’ ohra, prova li però fil-kaz in ezami ma saritx.
Apparte minn dan appena osservat, mid-dokumenti esebiti mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) a fol. 17 sa' 51 tal-process jirrizulta li fil-perijodu meta r-Rikorrent kien detenut fil-Facilità Korrettiva ta' Kordin huwa xorta seta' jikkontesta u jirrispondi, u effettivament ikkontesta w irrisponda ghal dokumentazzjoni indirizzata lilu mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) u konsenjata fl-indirizz 5, Mystical Rose, Triq Ganni Bencini, Sliema, bhal ad ezempju l-ittra datata 7 ta’ Marzu 2010[9] fejn talab ghal review in segwitu ghall-ispedizzjoni u notifika ta’ l-istimi provvizorji[10] u l-applikazzjoni datata 20 ta’ April 2010 biex jihdol fl-iskema ta’ refuzjoni tat-taxxa[11]. B’hekk jirrizulta li tul iz-zmien li r-Rikorrent ghamel detenut fil-Facilità Korrettiva ta’ Kordin ma kienx fl-impossibilità li jipprezenta l-appell mill-istimi mahruga kontra tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fl-20 ta’ April 2010 entro t-terminu statutorju ta’ tletin gurnata min-notifika ta’ l-istess imsemmija stimi. Jigi in oltre osservat illi ghalkemm ir-Rikorrent jidher li hareg mill-Facilità Korrettiva ta’ Kordin fis-16 ta’ Awwissu 2010, ghal raguni ghal kollox inpsjegabbli – u li del resto baqghet bla spjegazzjoni – huwa intavola l-appell tieghu mill-istimi kontestati fl-4 ta’ Ottubru 2010 u cioè ben xahar u nofs wara li kien hareg mill-habs.

Ghalhekk bla dubju ta’ xejn jirrizulta li l-appell tar-Rikorrent huwa tardiv u bhala tali ghandu jigi dikjarat irritu u null.

Raggunta din il-konkluzzjoni t-Tribunal jastenji milli jidhol fil-kwistjoni sollevata mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) bit-tieni eccezzjoni tieghu u cioè jekk fid-dawl ta’ dak provdut fl-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Rikorrent ma ghandux jithalla jipproduci dokumenti f’dan l-istadju peress illi naqas milli jipprovdihom meta mitluba mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

---

[9] Dok. “E” a fol. 37 tal-process.
[10] Dok. “D” a fol. 23 sa’ 36 tal-process.
[11] Dok. “F” a fol. 38 tal-process.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, illum Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), u jiddikjara l-appell ipprezentat mir-Rikorrent fl-4 ta’ Ottubru 2010 irritu u null in kwantu tardiv.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jibqghu a karigu ta’ l-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------